**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Numru: 434/2009 MLF**

**Joseph Buhagiar**

**vs**

**Daniel Reginiano u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2013 l-atti gew trasfuzi minn fuq id-decuius Daniel Reginiano ghal fuq Janet Ann Cini nee Reginiano**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma globali ta' erbat elef tminn mija u hames ewro (E4805) [sic] dovuti bhala drittijiet ghal servizzi minnu rezi in konnessjoni mal-inkarigu moghti lill-attur mill-konvenut biex jippreparalu "Agricultural Baseline Study" u " Proposal for Development" in konnessjoni mal-"Ladybird Organic Farm", immexxi mill-konvenut, li jinsab f'Wied Hazrun fil-limiti ta' Had-Dingli, liema servizzi gew rezi lill-konvenut mill-attur

Bl-ispejjez komprizi u l-imghax skond il-ligi, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bl-Artikolu 166A, tal-11 ta' Gunju 2009.

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' Joseph Buhagiar huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu ghal kollox michuda bl-ispejjez kontrih.

2. Illi xejn ma huwa dovut mill-konvenut lill-attur u t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghaliex dak illi l-attur jiddeskrivi bhala servizzi minnu rezi ma kienux tal-kwalita' pattwita, ix-xoghol ma kienx dak illi ntalab, ma sarx skond is-sengha u l-arti u barra minn hekk kien tardiv u zbaljat u mhux idoneju ghall-iskop illi ghalih intalab u bhala kwantita' mar hafna oltre dak illi kien intalab, u dan kif se jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-attur kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex ihejji proposta ta' *Organic Farming* in konnessjoni ma' progett li l-konvenut xtaq jaghmel fuq art agrikola ta' circa sittax (16)-il tomna li huwa kellu fil-limiti ta' Had-Dingli. Wara li kien hemm diversi laqghat bejn il-partijiet u diversi accessi fuq il-post, fis-7 ta' Lulju 2008 l-attur baghat *email* lill-konvenut li permezz taghha infurmah li fir-rigward ta' dan il-progett kellhom jigu preparati zewg rapporti. F'din l-*email* l-attur inkluda stima tax-xoghol involut bir-rati applikabbli ghaz-zewg rapporti.[1]

[1] Ara l-email a fol. 37 tal-process.

2. Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar din l-istima, tant li hemm qbil li l-konvenut hallas is-somma ta' elf euro (€1,000) bhala depozitu qabel ma l-attur beda bix-xoghol tieghu.[2]

3. L-attur xehed li dawn ir-rapporti kienu necessarji sabiex ikunu jistghu jinhargu l-permessi relattivi mill-Awtorita' koncernanti. Spjega li qabel ma inghatalu dan l-inkarigu mill-konvenut, hu kien ghamel rapporti simili f'diversi okkazzjonijiet. Wiehed minn dawn ir-rapporti kien imsejjah *Agricultural Baseline Study* fejn tingabar l-informazzjoni kollha relattiva ghall-post li ser jigi zviluppat. Ir-rapport l-iehor kien *Proposal for Development & Operation* li kien jinkludi numru ta' proposti ta' kif kellu jigi zviluppat ir-razzett u l-metodi li kellhom jigu segwiti fil-produzzjoni tal-hxejjex u l-frott.[3]

4. F'Ottubru tas-sena 2008 ir-rapporti kienu gew kompletati u mibghuta lill-konvenut permezz ta' *email*. L-attur isostni li qabel ma gew sottomessi r-rapporti finali, huwa kien baghat l-abbozzi taghhom lill-konvenut u wara li ddiskutewhom flimkien l-attur kien ghamel xi emendi zghar.[4] Skond l-attur, il-konvenut qatt ma kien ilmenta mieghu dwar il-kontenut ta' dawn ir-rapporti.[5]

5. Fil-5 ta' Novembru 2008 l-attur hareg zewg fatturi, wahda ghal kull rapport. Il-fattura li tikkoncerna l-*Agricultural Baseline Study* iggib in-numru 007/2008 u hija fis-somma ta' €2,880. It-tieni fattura hija fir-rigward tal-*Proposal for Development & Operation* iggib in-numru 008/2008 u hija fis-somma ta' €2,925.[6] Is-somma pretiza mill-attur permezz ta' din il-kawza tammonta ghall-bilanc rimanenti mit-total ta' dawn iz-zewg fatturi wara li jitnaqqas id-depozitu ta' €1,000 imhallas mill-konvenut.

6. Il-konvenut xehed li huwa kien irrifjuta li jhallas dawn il-fatturi stante li x-xoghol kien fih certu nuqqasijiet u kif ukoll ghaliex ghalkemm skond il-konvenut ir-rapporti kellhom ikunu sottomessi f'Settembru 2008, dawn inghataw lilu tard u cioe' f'Novembru 2008. Spjega li r-rapporti mhejjija mill-attur kienu jikkontjenu hafna informazzjoni generali li huwa ma kellux bzonn. Jghid li dawn ir-rapporti ma kienux

[2] Ara x-xhieda tal-konvenut a fol. 42 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-attur a fol. 25 tal-process.
[4] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-attur a fol. 72 tal-process.
[5] Ara x-xhieda tal-attur a fol. 26 tal-process.
[6] Ara z-zewg fatturi rispettivament a fol. 36 u 35 tal-process.

jinkludu proposti specifici li jippermettulu jimplimenta pjan ta' azzjoni agrikolu li jkun specifiku ghall-art tieghu.

7. Il-konvenut xehed illi huwa kien inkariga lill-attur ghaliex kellu bzonn ta' proposti li setghu iwassluh ghal decizjonijiet dwar il-mod ta' kif kellhom jigu mqassma d-diversi ghelieqi li jiffurmaw l-art tieghu, metodi ta' rotazzjoni fil-produzzjoni tal-hxejjex u suggerimenti dwar il-makkinarju li kellu jintuza fuq kull bicca art. Jilmenta wkoll mill-fatt li l-attur ma ghamilx rakkomandazzjonijiet dwar is-sostenibilita' tal-progett u li r-rapporti ma jinkludu ebda assistenza dwar decizjonijiet finanzjarji involuti fit-tmexxija tar-razzett. Huwa jikkontendi li fir-rapporti tieghu l-attur sempliciment ghamel accenn ghal uhud minn dawn l-aspetti minghajr ma dahal fid-dettal u minghajr ma kien specifiku ghall-art tal-konvenut. Jghid ghalhekk li dawn ir-rapporti ma kellhom ebda utilita' ghalih u ma kienux idoneji ghall-bzonnijiet tieghu.[7]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Permezz tal-proceduri odjerni, l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €4,805, rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut bhala prezz ta' servizzi professjonali rezi lilu mill-attur skond kif jirrizulta minn fatturi esebiti in atti, liema bilanc baqa' ma thallasx mill-konvenut.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba tal-attur billi jecepixxi li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex: (i) is-servizzi rezi mill-attur ma kienux tal-kwalita' pattwita, (ii) l-attur ma wettaqx ix-xoghol li kien mitlub jaghmel, u (iii) ix-xoghol ma kienx idoneju ghall-iskop li ghalih intalab. Il-konvenut jghid li huwa ma hallasx il-bilanc pretiz mill-attur ghar-raguni li l-inkarigu lilu moghti ma giex esegwit skond kif pattwit u li r-rapporti inghataw lilu tardivament. Huwa jsostni li d-depozitu minnu mhallas fis-somma ta' €1,000 jkopri kwalunkwe ammont li seta' kien dovut lill-attur u jikkontendi ghalhekk illi ebda hlas ulterjuri ma huwa dovut minnu lill-attur.

[7] Ara l-affidavit tal-konvenut a fol. 48 tal-process.

Fir-rigward tal-provi prodotti mill-partijiet f'din il-kawza, il-Qorti tibda billi tosserva illi ghajr ghax-xhieda taghhom stess, il-partijiet ma pprocudew ebda xhud iehor sabiex jikkorrabora jew jikkonforta l-verzjoni ta' wiehed jew l-iehor minnhom. Ghalhekk fid-dawl tal-fatt li f'certi aspetti l-verzjonijiet tal-partijiet huma opposti ghal xulxin, il-Qorti sejra taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar dawn il-verzjonijiet ghab-bazi tal-provi in atti (jew in-nuqqas taghhom) sabiex tikkonkludi liema wahda miz-zewg verzjonijiet hija l-aktar kredibbli u attendibbli.

Il-kontestazzjoni ewlenija tal-konvenut hija li meta hu kien inkariga lill-attur, l-iskop tieghu kien li jkollu rapport tekniku li jaghtih bizzejjed informazzjoni li tippermettilu jiehu numru ta' decizjonijiet li jirrigwardaw l-amministrazzjoni tar-razzett organiku li kien qieghed jipprogetta, suggerimenti dwar il-metodi tat-tkabbir tat-tipi differenti ta' prodotti li seta' jipproduci fuq l-art in kwistjoni u analizi finanzjarja dwar is-sostenibilita' tal-progett tieghu. Il-konvenut isostni li huwa kien talab lill-attur rapport bi proposti li jkunu specifici ghall-art tieghu u minflok l-attur kien tah zewg rapporti li kienu jikkontjenu ammont kbir ta' informazzjoni generali li ma kellhom ebda utilita' ghalih.

Minn naha l-ohra l-attur xehed illi huwa kien gie avvicinat mill-konvenut sabiex jaghmillu proposta dwar progett ta' agrikoltura organika li kien behisebu jaghmel. Jghid li huwa kien spjega lill-konvenut il-procedura relattiva li tinkludi l-applikazzjoni u l-hrug tal-permessi relattivi. F'dan ir-rigward l-attur xehed hekk: "*Ir-rapporti kienu mixtieqa biex hu juzahom, jesebihom bhala supplematary information ghal process ta' applikazzjoni mal-MEPA…*".[8] Skond l-attur ghalhekk l-informazzjoni kontenuta fir-rapporti tieghu kienet intiza ghal dan l-iskop.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dak allegat mill-konvenut, u cioe' li l-iskop wara r-rapporti mitluba mill-attur kien sabiex ikollu analizi finanzjarja dwar is-sostenibilita' tal-progett tieghu, ma huwiex kredibbli peress illi dan ma jirrizultax debitament sopportat mill-provi prodotti. Hija ferm aktar kredibbli l-affermazzjoni li dawn ir-rapporti kienu primarjament intizi sabiex jigu sottomessi lill-Awtoritajiet koncernati bhala parti mid-dokumentazzjoni necessarja ghal ottjeniment tal-permessi relattivi.

---

[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-attur a fol. 74 tal-process.

Il-Qorti tqis illi l-*email* datata 7 ta' Lulju 2008 mibghuta mill-attur lill-konvenut hija fundamentali ghall-azzjoni odjerna stante li din hija l-unika prova indipendenti li tirrifletti l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fiz-zmien meta inghata l-inkarigu. Jigi osservat illi f'din l-*email* l-attur specifikatament indika li sabiex il-progett jimxi l-quddiem kien hemm il-htiega ta' zewg rapporti. Jekk l-iskop ta' dawn ir-rapporti ma kienx li dawn jigu sottomessi lill-Awtoritajiet, wiehed kien jistenna li l-konvenut joggezzjona ghal fatt li jigu preparati zewg rapporti u mhux wiehed, tenut kont ukoll tal-fatt li l-ispiza relattiva ghal dawn ir-rapporti hija wahda sostanzjali. In oltre, f'din l-*email* l-attur spjega x'kien ser ikun jikkontjeni kull wiehed minn dawn ir-rapporti. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li fir-rapporti *de quo* l-attur ma nkludiex dak li kien ipprometta. Tajjeb li jigi osservat ukoll li f'din l-*email* l-attur ma promettiex li jinkludi fir-rapporti tieghu dak kollu li issa f'din il-kawza qieghed jippretendi l-konvenut, bhal per ezempju li huwa jkollu analizi finanzjarja dwar is-sostenibilita' tal-progett. Jekk il-konvenut xtaq li jkollu din it-tip ta' analizi, huwa kellu jitlobha fil-mument li kien qieghed jaghti l-inkarigu lill-attur, haga din li ma jirrizultax li ghamilha l-konvenut.

Fuq kollox, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu anke l-konvenut stess jaghti x'jifhem li l-iskop ta' dawn ir-rapporti kien li jigu sottomessi lill-Awtoritajiet u dan billi jissottometti illi "*Minflok l-attur accetta l-fatt li r-rapport ma setax jintuza ghal ghan li kellu bzonnu l-intimat, u cioe' ghall-applikazzjoni mal-MEPA*" u "*bhala espert f'dan il-kamp l-attur kellu jidhol f'tali kwistjoni sabiex effettivament ihejji rapport komplet u li jista' jintuza ghall-applikazzjoni mal-MEPA*".[9]

Mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta li huwa jorbot l-obbligu tal-hlas lill-attur ma' l-utilita' prattika tal-informazzjoni u suggerimenti maghmula mill-attur fir-rapporti tieghu. F'dan ir-rigward però, ladarba gie stabbilit illi l-iskop ewlieni tar-rapporti kien li dawn jigu sottomessi lill-Awtoritajiet, din is-sottomissjoni tal-konvenut issir wahda sekondarja. Mill-atti processwali huwa ferm evidenti li l-konvenut naqas milli jipprova b'mod sodisfacenti l-allegazzjoni tieghu li r-rapporti in kwistjoni kien fihom xi nuqqasijiet jew ma kienux adattati ghall-iskop li ghalih kienu intizi. Il-konvenut naqas milli jressaq rapprezentanti tal-Awtoritajiet kompetenti biex jispjegaw ghaliex dawn ir-rapporti ma setghux jigu accettati minnhom. Fin-nuqqas ta' tali prova, l-Qorti difficilment tista' taccetta dak pretiz mill-konvenut li r-rapporti imhejjija mill-attur ma kienux tal-kwalita' pattwita.

[9] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 93 u 94 tal-process

Dak li kellu jkun il-kontenut tar-rapporti li l-attur gie inkarigat biex ihejji jemergi mill-*email* tas-7 ta' Lulju 2008. Meta r-rapporti attwalment imhejjija mill-attur, u li kopja taghhom giet esebita fl-atti tal-kawza, jigu kkunsidrati fid-dawl ta' din l-*email* jirrizulta li l-attur effettivament hejja r-rapporti tieghu kif minnu imwieghed. Fin-nuqqas ta' prova konkreta u konklussiva li r-rapporti ma kienux adattati ghall-iskop li ghalih kienu intizi, u cioe' sabiex jigu sottomessi lill-Awtoritajiet fi process ta' applikazzjoni ghall-hrug tal-permessi relattivi, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn l-attur ma ghandux jithallas ghax-xoghol minnu esegwit. L-unika cirkostanza fejn il-konvenut ikun gustifikat li jirrifjuta li jhallas lill-attur hija dik fejn l-attur ma jkunx wettaq is-servizzi tieghu skond dak miftiehem bejn il-partjiet, cirkostanza din li pero' ma gietx debitament ippruvata mill-konvenut.

Fir-rigward tal-ilment tal-konvenut li r-rapporti jikkontjenu ammont kbir ta' informazzjoni generali u mhux informazzjoni specifika ghall-art tieghu, wara li ezaminet sewwa r-rapporti esebiti l-Qorti tikkonkludi li anke dan l-ilment ma huwiex gustifikat. Dawn ir-rapporti jikkontjenu informazzjoni estensiva dwar l-agrikoltura organika u kif din setghet tigi implimentata fuq l-art tal-konvenut. Ir-rapport intitolat *Agricultural Baseline Study* jidentifika kull ghalqa li tifforma parti mill-art tal-konvenut u jaghti deskrizzjoni dettaljata dwarha u l-ambjenti tal-inhawi. Dan ir-rapport jinkludi informazzjoni dwar il-geologija tal-post u l-karatteristici tal-hamrija. Il-*Proposal for Development & Operation* imbaghad jitratta l-potenzjal tal-art u l-mod kif din setghet tigi zviluppata. Il-konvenut jilmenta li l-attur ma nkludiex aspetti bhal ma huma *crop rotation*, izda minn analazi ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-attur ghamel il-proposti tieghu f'dan ir-rigward ukoll tant li nkluda numru ta' prodotti li setghu jigu mhawwla b'sistema ta' rotazzjoni fuq medda ta' zmien.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-konvenut li r-rapporti gew sottomessi mill-attur tardivament, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma ressaq ebda prova f'dan ir-rigward ghajr ghax-xhieda tieghu stess. Jekk id-data ghas-sottomissjoni ta' dawn ir-rapporti kienet ta' importanza ghall-konvenut, huwa kellu jassigura ruhu li jinkludi dan it-terminu fiz-zmien li inghata l-inkarigu. Dan ma jirrizultax li sar.

Fid-dawl tas-suespost, l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut in opposizzjoni ghat-talba attrici ma jisthoqqx li jigu milqugha stante li ma humiex sopportati mill-provi prodotti.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, u l-atti gew trasfusfuzi f'isem Janet Ann Cini.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta;

2. Konsegwentement, tilqa' it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' erbat elef tminn mija u hames Ewro (€4,805) bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-11 ta' Gunju 2009, ghandhom jigu subiti mill-konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**